MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2013

Talba Numru. 977/2011

**HAL MANN VELLA LIMITED [C-28088]**

**Vs**

**Mary Grace Debono Roberts [ID. Nru. 144775M] u b'digriet ta' nhar it-13 ta' Marzu, 2012 gie kjamat in kawza Ray Debono Roberts**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fis-16 ta' Novembru, 2011** u li permezz taghha talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' elf mija tlieta u tletin euro u tmintax-il ċenteżmu ta' euro [€1,133.18c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Is-socjeta attriċi titlob lill-konvenuta, thallas lilha s-somma ta' elf, mija u tlieta u tletin Ewro u tmintax-il ċenteżmu (€1133.18) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' wiċċ ta' kċina u kif ukoll ghal xogholijiet relatati ma' l-istess li gew

debitament mibjugha u konsenjati lill-konvenuta mis-socjeta attriċi fuq inkarigu tal-konvenuta stess.

Bl-ispejjez inkluż dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 1796/11 u datata 6 ta' Mejju, 2011 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-invoices sad-data tal-effettiv pagament".

Ra **r-risposta tal-intimata** minnha mressqa fid-9 ta' Frar, 2012 u li permezz taghha hija wieġbet hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

"1. Illi preliminarjament it-talbiet tas-socjeta attriċi huma preskritti skont l-artikolu 2148 (a) u 2148 (b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi minghajr preġudizzju ghas-suespost it-talbiet tas-socjeta attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jiġu michuda bl-ispejjez stante li l-esponenti qatt ma inkarigat lis-socjeta attriċi sabiex tforni wiċċ tal-kcina u ghal xogholijiet relatati mal-istess kif qed jiġi allegat fit-talba tas-socjeta attrici.

3. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."

Ra l-verbal datat 13 ta' Marzu, 2012 fejn id-difensur tal-intimata talab il-kjamat in kawża ta' Ray Debono Roberts. Ra li d-difensur tas-socjeta rikorrenti ma opponiex ghal din it-talba u t-Tribunal laqa' t-talba.

Ra **r-risposta tal-kjamat in kawża** minnu mressqa fit-13 ta' April, 2012 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

1. Illi in linea preliminari u minghajr preġudizzju, Ray Debono Roberts li gie kjamat in kawża permezz ta' digriet moghti minn dan l-Onorabbli Tribunal nhar it-13 ta' Marzu, 2012, jirrileva li l-ebda responsabbilita m'ghandha tiġi attribwita lilu u ghalhekk ghandu jiġi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi u minghajr preġudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti jaghmel referenza ghal kuntratt ta' separazzjoni,

anness u mmarkat Dok. A, datat 13 ta' Lulju 2010 in Atti Nutar Dottor Patricia Hall u riferibbilment ghal klawsola numru hdax (11) tal-istess kuntratt li hi cara biżżejjed u ma hemmx il-htiega li wiehed joqghod jelabora inutilment;

3. Illi u skont dokumenti gja prodotti mix-xhieda mressqa mis-socjeta attriċi, vide Dok. RM 1 (agreement number 5003 made today by Ray Mallia on behalf .... and Graziella Debono) u Dok. RM 2 (ċekk mahrug minn Dr Mary Grace Debono Roberts), ppreżentati minn Ray Mallia waqt is-seduta li nżammet nhar is-27 ta' Frar, 2012 juri ampjament u b'mod car li kienet l-intimata Mary Grace Debono Roberts li nnegozjat ix-xiri tal-wicc tal-kcina li s-socjeta qeghda titlob il-pagament tal-bilanc dovut;

Bl-ispejjez tal-prezenti".

Ra l-verbali datati 8 ta' Jannar, 2013, 11 ta' Marzu, 2013 u 6 ta' Mejju, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. In succint jinghad li s-socjeta rikorrenti qeghda tfittex lill-intimata sabiex thallasha s-somma ta' elf, mija u tlieta u tletin Ewro u tmintax-il ċenteżmu (€1133.18) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' wiċċ ta' kċina u kif ukoll ghal xogholijiet relatati ma' l-istess, liema wiċċ jinstab fir-residenza tal-intimata. L-intimata da parti taghha tecepixxi l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni ai termini ta' l-artikolu 2148 (a) u 2148 (b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u fil-mertu tghid li hija qatt ma inkarigat lis-socjeta rikorrenti sabiex tforni wiċċ tal-kcina u ghal xogholijiet relatati mal-istess kif qed jiġi allegat fit-talba taghha. L-intimata talbet li jiġi imsejjah fil-kawza żewġha, liema talba, t-Tribunal laqa permezz ta' digriet datat 13 ta' Marzu, 2012. Da parti tieghu, l-kjamat in kawża qal li l-ebda responsabbilita m'ghandha tiġi attribwita lilu u ghalhekk ghandu jiġi liberat

mill-osservanza tal-gudizzju. Qal ukoll li hu u l-intimata infirdu permezz ta' kuntratt datat 13 ta' Lulju, 2010 fl-atti tan-Nutar Patricia Hall u ghamel referenza ghall-klawsola numru hdax (11) tal-imsemmi kuntratt[1]. Zied ighid li mid-dokumenti ppreżentati mis-socjeta rikorrenti ghandu jirrizulta b'mod car li kienet martu l-intimata Mary Grace Debono Roberts li nnegozjat ix-xiri tal-wicc tal-kcina li s-socjeta qeghda titlob il-pagament tal-bilanc dovut.

Ikkunsidra;

2. **Raymond Mallia**, *salesman* mas-socjeta rikorrenti qal li fis-7 ta' Settembru, 2009 kienet marret l-intimata fl-ufficju/showroom taghhom u hemm "*ordnat top tal-kcina tat-tip Bianco paloma*" (fol. 14). L-intimata, jkompli jghid dan ix-xhud kienet ordnat li jsiru xi toqob go dan l-irham u t-tqeghdi b'kollox kien gie l-ammont ta' €1,733. Ix-xhud ghadda biex esebixxa dokument li gie mmarkat bhala dok. RM 1 (fol. 17). Izid ighid li fit-2 ta' Settembru, 2009 l-intimata taght ċekk fl-ammont ta' €600 lis-socjeta rikorrenti, ghal liema ċekk, is-socjeta rikorrenti harget riċevuta fis-7 ta' Settembru, 2009 (dok. RM 3). Dwar din ir-ricevuta, x-xhud stqarr li din hija mahruga fuq Graziella Debono "*... li però hija l-istess persuna bhal konvenuta b'dan illi isimha proprju huwa Mary Grace Debono Roberts*" (fol. 14). Ix-xoghol tqieghed ġewwa fond fl-Ibragg lejn l-ahhar tas-sena 2009. Meta huwa tkellem mal-persuna li qeghdet ix-xoghol fil-fond imsemmi u cioe Emanuel Portelli, u dan fis-sens jekk kienx hemm xi problemi peress li l-bilanc kien baqa ma thallasx, l-imsemmi Portelli qallu "*... illi l-konvenuta qatt ma lmentat mieghu dwar xejn*" (fol. 14). Xehed in kontro-ezami fis-seduta tal-24 ta' Mejju, 2012. Huwa qal li fuq id-dokument li hemm esebit a fol. 17 tal-process (intitolat agreement) kull ma hemm hija l-firma tieghu u dik ta' l-intimata ma tinsabx fuq dan id-dokument. Meta gie mistoqsi mit-Tribunal jekk "... *jistax ikun li tmur persuna sabiex tixtri xi haġa ghan-nom ta' haddiehor*" huwa wieġeb billi qal li

[1] Din il-klawsola taqra hekk: "*11. Illi l-partijiet jiddikjaraw illi ma hemm ebda dejn komuni bejniethom; rigward kwalunkwe dejn ikkuntrattat matul iz-zwieg il-partijiet jaqblu u jikkonvjenu li dan ikun pagabbli mill-parti illi kkuntrattatu oriġinarjament*" (fol. 32).

"*dan isir però qabel ma naghmel hekk jiena nkun irrid nikkomunika direttament mal-persuna li fuqu tkun ser tohrog ir-ricevuta*" (fol. 40). Zied ighid li f'dan il-kaz ma garax hekk. Qal ukoll li "*L-isem jiena nkun gibtu minghand il-klijenta*" u "*qieghed nara lill-kjamat in kawża u nghid illi nafu minn wiċċu dan peress illi kien gie xi darba is-showroom jistaqsini ghal xi samples. Il-konvenuta ghandi idea aktar taghha*" (fol. 40).

3. **Adrian Vella Petroni**, li jahdem fil-*Customer Care and Credit Control Division* tas-socjeta rikorrenti qal li huwa involva ruhhu f'dan il-kaz lejn l-ahhar tas-sena 2009 u dan wara li kienet attirata l-attenzjoni tieghu li kien ghad fadal bilanċ pendenti fuq il-kont ta' l-intimata. Qal li s-socjeta rikorrenti kienet baghtet diversi statements fl-indirizz fejn gie nstallat il-wicc tal-bank tal-kcina. Kien ghamel diversi tentattivi sabiex jikkomunika ma' l-intimata però dawn it-tentattivi rriżultaw fin-negattiv. Huwa kkonferma li kien ghad fadal bilanċ fl-ammont ta' €1,133.18c.

4. Fis-seduta tas-26 ta' April, 2012 **xehed il-kjamat in kawża Ray Debono Roberts**. Beda biex qal li hu u l-intimata iżżewġu fit-3 ta' Settembru, 2000 u li lejn l-ahhar tas-sena 2008, bidu tas-sena 2009 huwa kien telaq mid-dar matrimonjali. Ikompli jghid li l-fond fejn tqieghed il-wicc tal-kcina huwa qatt ma ghix fih u li bejnu u bejn l-intimata hemm kwistjonijiet kbar tant li lanqas jitkellmu sal-gurnata tal-lum. Izid ighid li f'xi żmien, missieru kien talbu sabiex imur iġib xi samples tal-irham l-ghaliex l-intimata martu riedet taghmel il-bank tal-kcina bl-irham. Ighid li "*jiena ma nafx x'gara u ma garax wara jekk dak il-wicc tal-kcina effettivament sarx jew le*" u "*lanqas ma naf jekk marti l-konvenuta kinitx ordnat dan il-wicc tal-bank tal-kcina minghand Hal Mann jew le*" (fol. 35). L-involviment tieghu kien li huwa gabilha s-*samples* minghand is-socjeta rikorrenti. Meta gie mistoqsi mid-difensur tal-intimata jekk huwa kienx weghed lill-intimata li huwa kien ser jaghmel tajjeb ghal dan il-wicc li tqieghed fuq il-bank tal-kcina, il-kjamat in kawża qal li "*... assolutament le ma ghamilt xejn minn dan kollu*" (fol. 36). In kontro-ezami mid-difensur tas-socjeta rikorrenti, l-kjamat in kawża jistqarr li "*Ghalija l-*

*bank tal-kcina kellu jithallas mill-konvenuta Mary Grace Debono Roberts*" (fol. 36). Meta gie muri c-cekk li hemm esebit a fol. 19 tal-process, huwa qal li huwa qatt ma rah u li "*il-handwriting ta' dan ic-cekk mhijiex tieghi. Qieghed naghraf il-firma tal-konvenuta fuq dan ic-cekk*" (fol. 36).

In kontro-ezami, l-kjamat in kawża jistqarr, ghal mistoqsija minn min ghandu jithallas il-kont li qeghd atitlob is-socjeta rikorrenti, li "*... dan il-kont ghandu jithallas mill-intimata Mary Grace Debono Roberts wahedha*" (fol. 210). Huwa jghid li dan il-*kitchen top* inxtara waqt li kienu ghaddejjin il-proceduri/diskussjoni ta' separazzjoni bejn il-partijiet. L-involviment tieghu f'dan il-post kien sabiex ulied il-kontendenti jkollhom post deċenti fejn jghixu. Huwa jistqarr li bl-ebda mod ma kien jaf jekk il-bank tal-kcina kienx gie ordnat jew inkella x'kulur kien intaghzel. Zied ighid ukoll li huwa ma setax ihallas l-ebda depositu jew jaghmel xi hlas iehor peress li martu l-intimata kienet talbet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kontrih u li b'hekk huwa ma kienx f'posizzjoni li jaghmel ebda hlas.

5. **L-intimata Mary Grace Debono Roberts** xehdet fl-24 ta' Mejju, 2012 u qalet li l-kjamat in kawża kien gabilha xi *samples* ghal wiċċ tal-bank tal-kcina li kellhu jiġi nstallat fir-residenza proprjetà ta' l-intimata stess. L-intimata tkompli tghid li hija kienet qablet ma din is-*sample* u fil-fatt qablet mal-kjamat in kawża li dan il-wicc jiġi ordnat minghand is-socjeta rikorrenti. L-intimata tghid li "*L-intendiment bejni u bejn il-kjamat in kawża kien li jiena nohrog id-deposit ghal dak il-bank tal-kcina u hu jhallas il-kumplament, dan talli kien gej jghix fid-dar tieghi u sabiex jghini fl-ispejjez*" (fol. 42). Tkompli tghid li "*Il-kjamat in kawża aċċetta din il-proposta tieghi*" (fol. 42). L-intimata tichad li hija xi darba marret ghand is-socjeta rikorrenti. Dwar il-karta ta' l-identita taghha, hija tghid li jisimha proprju "*Mary Grace però fl-ID Card nizzilt maghrufa bhala Graziella kunjomi Debono Roberts dan huwa kunjom taz-zwieg tieghi*" (fol. 42). Dwar il-fotokopja tac-cekk li jinsab esebit a fol. 19 tal-process, l-intimata tghid li dan "*... huwa mahrug minn kont tieghi, qed naghraf il-firma tieghi u kif diġà ghidt jirrappreżenta d-depozitu li kelli nhallas jiena ghal dan il-bank bil-kundizzjoni li żewġi l-kjamat in kawża*

*jhallas il-bilanc*" (fol. 42). Tkompli tghid li kien hemm arranġamenti simili ohra bejniethom, inkluż is-*sliding door* tal-*walk in closet* u s-settijiet tat-televizjoni. Meta ġiet mistoqsija dwar id-dettalji li kienu jinsabu fuq id-dokumenti a fol. 17 u 20 tal-process, hija qalet hekk:

i. L-indirizz tal-Hamrun, indikat fuq id-dokument a fol. 17 tal-process huwa tal-mama taghha u hija kienet tirrisjedi fih fi żmien li l-kjamat in kawża kien uriha s-*samples;*

ii. Fuq id-dokument a fol. 17 tal-process hemm in-numru tac-cellulari taghha;

iii. L-indirizz li hemm indikat a fol. 20 tal-process u li jinsab l-Ibragg huwa r-residenza proprjetà ta' l-intimata. Il-kjamat in kawża kellu aċċess ghal dan il-fond.

L-intimata tistqarr ukoll li x-xogholijiet f'dan l-appartament ta' l-Ibragg kienu saru qabel ma sar l-att finali u li dan il-wicc tal-bank tal-kcina jinsab f'din il-proprjeta li fiha hi ghadha tirrisjedi.

Meta ġiet mistoqsija jekk hija qattx irċeviet l-istatement li hemm esebit a fol. 20 tal-process, hija tghid li ma tiftakarx ghalkemm l-indirizz huwa tajjeb. Ziedet tghid li l-isem fuq dak l-istatement ma huwiex tajjeb u dan peress li hi jisimha Mary Grace maghrufa bhala Graziella Debono Roberts u mhux Graziella Debono. Ghar-rigward tar-ricevuta li hemm esebita a fol. 18 tal-process, hija tghid li qatt ma rat din ir-ricevuta, iżda qablet li l-indirizz fuq dik ir-ricevuta huwa tal-mama taghha. L-intimata tghid li "*minkejja l-arrangament li kien hemm bejni u bejn zewghi ahna qbilna li dan il-bank jitwahhal ġewwa d-dar tieghi u ahna konna qbilna li jiġi ordnat u mwahhal minghand is-socjeta attrici*" (fol. 43).

Fil-kontro-ezami taghha, l-intimata tghid li f'Awwissu, 2009 kienu nbdew proċeduri ghall-firda personali bejnha u bejn żewġha l-kjamat fil-kawza u li f'Ottubru, 2009 hija kienet harget mandat ta' sekwestru kontrih. B'referenza ghall-paragrafu hdax (11) fil-kuntratt ta' firda konsenswali, l-

intimat sostniet "*... illi ġaladarba l-bank tal-kcina ordnah zewghi allura hu ghandu jkun responsabbli ghal dak id-dejn*" (fol. 201). Hi taqbel mal-fatt li l-wicc tal-bank tal-kcina qeghda tgawdih hi l-ghaliex dan il-wicc tal-bank tal-kcina jinsab fil-proprjeta taghha u li żewġha, l-kjamat fil-kawza, ma jghix maghha f'dan l-appartament. Qabelt ukoll mal-fatt li l-kuntratt ta' firda konsenswali dak iz-zmien li twahhal dan il-wicc tal-bank tal-kcina ma kienx ghadu gie ffirmat.

Meta ġiet kontro-ezaminata mir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti l-intimata stqarret illi hija ma ghandha thallas l-ebda kont u dan peress li tali kont ghandu jhallsu żewġha, l-kjamat fil-kawza. Meta ġiet mistoqsija mit-Tribunal "*jekk jiena naqbilx jew jiena jew zewghi jrid jhallas nghid illi iva naqbel però jiena qeghda nghid illi ghandu jhallas hu, dan inkompli nikkonfermah peress illi fil-kuntratt ta' separazzjoni taghna kien hemm miktub li kulhadd irid ihallas id-dejn illi jkun ikkuntrattat hu*" (fol. 212).

6. **Gordon vella**, prodott mill-intimata xehed illi ghar-rigward tax-xogholijiet li kienu jsiru f'dan l-appartament huwa kien jikkomunika biss mal-kjamat in kawża u li kien dan ta' l-ahhar li kien jiftahlu l-appartament sabiex isiru x-xogholijiet.

7. Oht l-intimata **Paula Pace** xehdet permezz tal-procedura ta' l-affidavit. Hija qalet li "*ghal furnishings u l-affarijiet l-ohra kien qed jiehu hsieb Ray tant li ahna hsibna li kienu ser jirrikonċiljaw. Bqajna sorpriżi meta qaltli li ma kienux ser jirrikonċiljaw u kienu ser jisseparaw. Ghaliex ma kienx jaghmel sens li r-ragel kien jiehu deċiżjonijiet dwar furnishings u finishings jekk mhux fil-kuntest ta' rikonciljazzjoni*" (fol. 204). In kontro-ezami, x-xhud qalet li l-firma u l-kitba li hemm fuq il-fotokopja tac-cekk li hemm esebit a fol. 19 tal-process huma ta' ohtha l-intimata.

8. Mid-dokumenti esebiti, senjatament il-kuntratt ta' separazzjoni bejn l-intimata u l-kjamat in kawża datat 13 ta' Lulju, 2010 fl-atti tan-Nutar Patricia Hall, jirrizulta, fost affarijiet ohra, li:

i. Kien gie ffirmat kuntratt fl-10 ta' Gunju, 2002 fl-atti tan-Nutar Nicolette Vella li permezz tieghu l-partijiet kienu rregolaw ir-regim matrimonjali taghhom. Ir-regim maghzul kien dak tas-separazzjoni tal-beni (artikolu 10 tal-kuntratt a fol. 31[2]).

ii. Li fil-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali datat 13 ta' Lulju, 2010 fl-atti tan-Nutar Patricia Hall gie dikjarat mill-partijiet ghal dak il-kuntratt li "*10...madanakollu, filwaqt li jergghu jikkonfermaw l-istess kuntratt, il-partijiet jiddikjaraw illi matul iz-zwieg taghhom huma ghamlu diversi investimenti flimkien u xtraw in komuni bejniethom diversi oġġetti, u ghalhekk permezz ta' dan il-kuntratt qeghdin jitterminaw u jxolju u jaqsmu kull komunjoni ta' proprjetà mobbli u immobbli li kellhom jew seta kellhom bejniethom, bil-pattijiet u kundizzjonijiet segwenti:*

*c. Illi apparti l-premess, kull parti tiddikjara li tinsab pjenament sodisfatta bil-qasma u tiddikjara li ma ghandha ebda dritt ulterjuri fuq l-assi, mobbli u/jew immobbli, tanġibbli u/jew intanġibbli, detenuti minn jew jew reġistrati f'isem il-parti l-ohra*" (fol. 31).

iii. U fil-paragrafu numru hdax ta' l-imsemmi kuntratt insibu s-segwenti:

"*11. Illi l-partijiet jiddikjaraw illi ma hemm ebda dejn komuni bejniethom; rigward kwalunkwe dejn ikkuntrattat matul iz-zwieg il-partijiet jaqblu u jikkonvenju li dan ikun pagabbli mill-parti illi kkuntrattatu originarjament*" (fol. 32).

9. Skond ma jirrizulta mid-dokument mmarkat bl-ittra H (fol. 66 et seq), l-intimata xtrat u akkwistat il-fond fejn twahhal il-wicc tal-bank tal-kcina de quo fit-8 ta' Lulju, 2009.

Ikkunsidra ulterjorment;

[2] ara ukoll dok. G a fol. 64 et seq;

10. L-intimata tibda billi tghid li l-azzjoni tas-socjeta rikorrenti hija perenta a tenur ta' l-artikolu 2148 (a), 2148 (b) u 2149[3] tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikoli tal-ligi jaghmlu referenza, l-ewwel tnejn, ghall-preskrizzjoni tat-tmintax il-xahar u t-tielet wiehed tas-sentejn. Dawn l-artikoli jaqraw hekk:

**2148.** L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:

(*a*) l-azzjonijiet tal-ħajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentieri, arluġġara u ta'**persuni** oħra **li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz tal-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom, jew tal-materjal li jfornu**;

(*b*) l-azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, **mibjugħa bl-imnut**;

U

**2149.** L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn:

(*a*) l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bċejjeċ oħra tal-baħar, u tal-kuntratturi ta' bini ieħor jew ta'xogħolijiet oħra ta' injam, ġebel, jew materjal ieħor, għall-opri maħdumin minnhom jew għall-materjali li jfornu:

(*b*) l-azzjonijiet tat-tobba, kirurġi, ostetriċi u spiżjara, għall-viżti jew operazzjonijiet li jagħmlu jew għall-mediċini li jfornu;

(*ċ*) l-azzjonijiet tal-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inġinieri ċivili, u persuni oħra li jeżerċitaw professjonijiet jew arti liberali oħra, għad-drittijiet tagħhom u għall-ispejjeż li jkunu għamlu;

(*d*) l-azzjonijiet tal-prokuraturi *ad litem* jew ta'prokuraturi oħra, jew mandatarji, għall-ħlas li jmisshom, għall-ispejjeż,

[3] Ara verbali datat 8 ta' Jannar, 2013 (fol. 216).

li jagħmlu, għall-indennizz li jkollhom jieħdu għat-telf li jbatu, u għar-radd tal-flus li joħorġu minn tagħhom.

(3) Fil-każ ta' drittijiet għal konsulti, u ta' drittijiet jew spejjeż għal ittri uffiċjali, protesti, mandati, rikorsi, jew atti oħra jew xogħol ieħor li ma jkollhomx x'jaqsmu ma' kawża li tkun miexja jew li tiġi mibdija fi żmien sentejn mill-jum tal-konsult, tal-att jew ta' xogħol ieħor, iż-żmien meħtieġ għall-preskrizzjoni jibda minn dak il-jum.

11. Nibdew bl-ahhar artikolu u cioe l-artikolu 2149 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Skond il-verbal datat 8 ta' Jannar, 2013 "*Dr. Ilona Debono talbet li tressaq risposta ulterjuri fejn tindika ukoll li l-azzjoni odjerna hija perenta a tenur ta' l-Artikolu 2149 tal-Kapitolu 16*". It-Tribunal laqa t-talba u ta terminu ta' erbat' ijiem sabiex l-intimata tressaq din ir-risposta ulterjuri. Din in-nota, safejn hu nfurmat it-Tribunal baqghet qatt ma giet ipprezentata. Illi kif jirrizulta mill-artikolu hawn fuq riprodott, l-imsemmi artikolu fih diversi paragrafu u sub-artikoli. Mhux ix-xoghol tat-Tribunal li joqghod jara liema paragrafu jew sub-artikolu huwa applikabbli. Illi kif inhu risaput, l-artikolu 2111 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula li "*Il-qorti ma tistax ex officio tagħti effett għall-preskrizzjoni, jekk din ma tigix eċċepita mill-parti interessata*". Ghalhekk, it-Tribunal ma ghandux ifittex biex jara kienx applikabbli ghal kaz xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx giet indikata b'mod car u esplicitu minn min jinvokaha[4]. Fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Stellini et vs Carmel Stellini et** deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Mejju, 2013 inghad li:

*"Dan ".. jfisser li l-Qorti ma tistax tissupplixxi ex officio ghan-nuqqas tal-parti (Vol. XXXVII P II p 630[5]; Vol.XLI P I p 178 [recte:168][6]) u ma ghandhiex ghalhekk tfittex biex tara hijiex applikabbli ghall-kaz xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx indikata b'mod car u esplicitu minn min jinvokaha (Vol. XXXIII P I p 481; "Joseph Grech -vs-*

[4] **Vol XXXIII p1 p481**; **Francis Bugeja nomine vs Indri Mecieca**, App Civ 29.05.2000;
[5] **Paolo Busuttil vs Rosina Abela et** deċiża mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Jannar, 1953 per Imhallef A. Magri;
[6] **Grazia Borg vs Rosa Farrugia noe et** deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Marzu, 1957. Ir-referenza tan-numri "178" hija ghal paġna fejn hemm din il-kwotazzjoni fis-sentenza hawn appena citata.

*Emmanuele Camilleri et", Appell Kummercjali, 21 ta' Marzu 1977)"*[7]*; gie wkoll ritenut li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trid issir permezz ta' eccezzjoni formali u mhux mod iehor*[8]*. Inoltre, peress li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija ta' natura perentorja, din tista' tigi sollevata fi kwalunkwe stadju tal-kawza, anke fl-istadju ta' appell*[9]*".*

Ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni taht l-artikolu 2149 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tiġi michuda.

12. Imiss issa li jigu ezaminati z-zewg eccezzjonijiet l-ohra ta' preskrizzjoni mqanqla mill-intimata fil-konfront tat-talba rikorrenti. Dawn huma l-artikoli 2148 (a) u 2148 (b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

13. Fil-fehma tat-Tribunal, l-art. 2148(a) ma jghoddx ghall-kaz fejn il-kreditur [f'dan il-kaz is-socjeta rikorrenti] ikun imprenditur, hekk li l-prestazzjonijiet tieghu jkunu atti tal-kummerc. Dan qalitu l-Qorti ta' l-Appell, Sede Inferjuri, f'sentenza moghtija fit-18 ta' Mejju 1929 *in re* **Tommaso Pace nomine versus Salvatore Muscat**[10]:

*"…. la disposizione dell'articolo 1912 dell'Ordinanza N VII del 1868 (illum art. 2148 tal-Kodici Civili), secondo la quale si prescrivono col decorso di diciotto mesi le azioni dei sarti, calzolai, falegnami ed altre persone esercenti mestieri ed arti mecchaniche pel prezzo delle loro opere, dei loro lavori e delle cose che somministrano, non e' applicabile a coloro che esercitano una impresa per il loro credito per le opere da loro eseguite e pei materiali da loro forniti ai quali crediti e applicabile la prescrizione di due anni stabilita nell' articolo 1913 [illum art. 2149 tal-Kodici Civili] poiche' la disposizione dell'articolo 1902 [art. 2148] si riferisce a crediti di artefici che prestano la loro opera (opera), mentre quella di cui all' articolo 1913 [art. 2149] riguarda i crediti di coloro in cui domina il carattere*

---

[7] Kwotata fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Donald Manche' noe vs Joseph Said** nhar it-28 ta' Mejju 2003

[8] Ara **Gayle Scerri vs Eric Borg** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Inferjuri fl-20 ta' Ottubru 2003.

[9] Artikolu 732(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta

[10] Kollez. Vol. XXVII-I-1013

*di speculatore, e che, piu che la loro opera, prestano un lavoro (opus), che fino a tanto che non sia consegnato rimane a loro rischio*".

14. L-istess qalet il-Qorti tal-Kummerc f'sentenza moghtija fl-14 ta' Ottubru 1954 *in re* **Joseph Mizzi nomine versus Joseph Delicata proprio et nomine**[11] :

"*….. skond l-art. 2253(a) (illum art. 2148(a)) tal- Kodici Civili, jaqghu bil-preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax-il xahar "l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu"; …. id-dispozizzjoni tal-ligi kontenuta fl-ittra (a) ta' l-imsemmi artikolu tal-Kodici Civili tirreferixxi ruhha ghal-lokazzjoni ta' opera, li biha l-persuni fuq enumerati jkunu obbligaw ruhhom li jaghtu x-xoghol taghhom, u mhux ghal-locatio operis li biha l-imprenditur jobbliga ruhu li jaghti, mhux ix-xoghol, imma l-prodott tax-xoghol – meta l-lokazzjoni d'opera tkun konnessa ma' organizazzjoni ta' mezzi teknici li timprimi lil-lokazzjoni l-karattru ta' att oggettivament kummercjali*".

15. Ghar-rigward ta' l-artikolu 2148 (b) tal-Kapitolu 16, jitkellem, kif diga rajna, dwar hwejjeg li jinbieghu bl-imnut. Dan mhux il-kaz[12], u t-Tribunal ser jghaddi biex jichad din l-eccezzjoni ukoll.

16. Illi fil-mertu jinghad li l-wicc tal-bank tal-kcina jinsab fir-residenza ta' l-intimata. Hija resqet diversi provi, inkluż dawk dokumentarji sabiex turi li hi jisimha Mary Grace maghrufa bhala Graziella Debono Roberts u mhux Graziella Debono skond ma hemm indikat fuq id-dokument li jinsab a fol. 17 tal-process, imma r-rejalta hi li dan il-wicc ta' l-irham twahhal fir-residenza ta' l-intimata u f'ghajnejn it-Tribunal ma jista qatt ikun hemm kwistjoni ta' jekk dan il-wicc twehhilx fir-residenza ta' l-intimata jew le. Il-vera kwistjoni f'dan il-kaz hija minn miz-zewg intimati irid

[11] Kollez. Vol XXXVIII-III-710
[12] Ara sentenza **Hal Mann Vella Limited vs Rudolph Azzopardi** deċiża mill-Qorti tal-Magistrati fit-22 ta' Frar, 2011

ihallas dan il-prezz lis-socjeta rikorrenti. Ir-rikorrenti meta ġiet mistoqsija mit-Tribunal "*jekk jiena naqbilx jew jiena jew zewghi jrid jhallas*" hija wieġbet billi qalet li "*nghid illi iva naqbel però jiena qeghda nghid illi ghandu jhallas hu, dan inkompli nikkonfermah peress illi fil-kuntratt ta' separazzjoni taghna kien hemm miktub li kulhadd irid ihallas id-dejn illi jkun ikkuntrattat hu*" (fol. 212). Ghalhekk hawn ma hawnx kwistjoni ta' preskrizzjoni imma min irid ihallas l-bilanc dovut.

17. It-Tribunal ra l-kuntratt ta' firda konsenswali ffirmat bejn l-intimata u l-kjamat in kawża fit-13 ta' Lulju, 2010 fl-atti tan-Nutar Patricia Hall (fol. 27 et seq) u huwa tal-fehma li l-bilanc dovut fuq dan il-wicc tal-bank tal-kcina ghandu jkun pagabbli, skond l-imsemmi kuntratt u anki fuq bażi ta' ekwita, mill-intimata Mary Grace Debono Roberts.

18. Dan it-Tribunal huwa ukoll moghni bis-setgha li jiddeċiedi bl-ekwita u fil-fehma tat-Tribunal, dan huwa proprju kaz car fejn ghandha tapplika din ir-regola. Jekk kellhu jregi l-argument tar-rikorrenti, jiġi li huwa jkun qieghed jibbenefika minn żball ta' l-intimat, haġa li l-ligi ma tridx. It-Tribunal jaghmel referenza ghas-**subartikolu (1) ta' l-artikolu 7 tal-Att Dwar Tribunal Ghal Talbiet Zghar (Kap. 380)** jinghad li:

*"7 (1) It-Tribunal ghandu jaqta kull talba u kontro-talba li jkollu quddiemu principalment skond l-ekwita:*

*Izda, f'kull kaz, kull kwistjoni li jista jkun hemm dwar il-preskrizzjoni ghandha tinqata skond il-ligi".*

19. Fil-kawza fl-ismijiet **Paul Sultana vs Tonio Schembri pro et noe** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-18 ta' Jannar, 2012 per Imhallef Dr. Raymond C. Pace inghad li:

"*Illi dan ifisser li l-principju tal-ekwita' huwa bazilari fid-decizjonijiet li ghandu jaghti l-istess Tribunal, u ghalhekk ghandu japplika l-istess u dan fuq kollox f'kull pendenza li jkun hemm quddiemu, b'dan li ghandu jara, li kemm jista'jkun issir gustizzja bejn il-partijiet, u dan imur*

*necessarjament lill-hinn mill-kuncetti stretti tal-ligi, anke fejn dawn huma ta' interpretazzjoni stretta*".

20. Imbaghad il-**paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 9 tal-Kap. 380** jistipula li gudikatur –

*(b) ghandu jitgharraf b'kull mod li jista jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-ahjar prova jew dwar xhieda fuq kliem haddiehor jekk ikun sodisfatt li x-xhieda li jkollu quddiemu tkun bizzejjed veritiera li biha jista jasal biex jaqta l-kaz li jkun qed jittratta;*

21. Kif inhu risaput, dak li hu ekwu necessarjament huwa gust u l-ekwita hi proprju intiza sabiex issir gustizzja ma dak li jkun. Huwa veru wkoll illi l-ekwita timporta l-uzu ta' l-arbitriju diskrezzjonali izda biex dan l-istrument decizjonali jkun tabilhaqq effettiv ma jridx lanqas jivvjola n-normi pozittivi tal-gustizzja, sew procedurali in kwantu ghall-oneru tal-provi, sew sostantiv, in rigward ghar-rekwiziti bazici fil-materja in dizamina[13].

22. Inghad ukoll, fil-kawza **Vella vs Micallef**, illi:

*"Certament, mill-perspettiva legali l-kompetenza funzjonali tat-Tribunal kienet hekk takkordalu l-uzu prexxelt tad-dritt ekwitattiv [Artikolu 7 (1), Kapitolu 380]. Jekk, imbaghad, kienx hekk gustifikat fil-fattispeci li kellu jaghmel din hi kwestjoni ohra. Sufficit li f'dan l-istadju jigi sottolinejat b'mod generali illi ghalkemm is-sinjifikat ekwitativ skond il-precitat artikolu jimplika valutazzjoni libera u elastika jibqa' l-fatt illi hu dejjem doveruz li jitharsu wkoll dawk id-disposizzjonijiet tad-dritt pubbliku dettati fl-interess generali in kwantu dawn, fejn applikabbli, ma humiex lanqas derogabbli jekk joffru soluzzjoni aktar adegwata tal-kontroversja ghal dawk li huma l-aspetti specifici tal-fattispeci konkreti".*

23. Ghalhekk, ghalkemm it-Tribunal ghandu jaqta u jiddeciedi "*kull talba u kontro-talba li jkollu quddiemu*

---

[13] Ara sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-6 ta' Ottubru, 2010 fl-ismijiet **Martin Paul Vella vs Chris Micallef;**

*principalment skond l-ekwita"* u "*ghandu jitgharraf b'kull mod li jista jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-ahjar prova jew dwar xhieda fuq kliem haddiehor jekk ikun sodisfatt li x-xhieda li jkollu quddiemu tkun bizzejjed veritiera li biha jista jasal biex jaqta l-kaz li jkun qed jittratta*" – huwa ghandu jhares ukoll id-disposizzjonijiet tad-dritt pubbliku dettati fl-interess generali l-ghaliex inkella wiehed jista jasal biex fil-kazijiet quddiem it-Tribunal ma jkunx hemm certezza ta' dritt l-ghaliex kollox jkun jiddependi mill-valutazzjoni libera u elastika tal-gudikatur in kwistjoni.

24. Issa mill-provi jirrizulta li l-intimata hallset id-depositu ghall dan il-wicc l-kcina u fil-fatt kienet anke harget cekk f'dan ir-rigward. Kif diga inghad diversi drabi f'din is-sentenza, il-wicc tal-bank tal-kcina jinsab fir-residenza ta' l-intimata u jirrizulta ukoll li l-intimata hadet sehem attiv f'dan ix-xiri, sahansitra anke l-ghazla tal-kulur ta' l-irham in kwistjoni. L-argument, kif diga rajna ukoll kien li l-intimata qeghda tghid li da nil-wicc kellhu jithallas mill-kjamat in kawza ghax hekk kien il-ftehim verbali ta' bejniethom, liema ftehim imbaghad gie kristallizzat fil-kuntratt ta' separazzjoni fil-klawsola numru hdax (11) tieghu, filwaqt li l-kjamat in kawza jghid li "*... dan il-kont ghandu jithallas mill-intimata Mary Grace Debono Roberts wahedha*" (fol. 210). Huwa jghid li dan il-*kitchen top* inxtara waqt li kienu ghaddejjin il-proceduri/diskussjoni ta' separazzjoni bejn il-partijiet. Fix-xhieda tieghu, l-kjamat in kawża stqarr li bl-ebda mod ma kien jaf jekk il-bank tal-kcina kienx gie ordnat jew inkella x'kulur kien intaghzel. Zied ighid ukoll li huwa ma setax ihallas l-ebda depositu jew jaghmel xi hlas iehor peress li martu l-intimata kienet talbet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kontrih u li b'hekk huwa ma kienx f'posizzjoni li jaghmel ebda hlas. Illi t-Tribunal huwa konvint li n-negozju sar bejn l-intimata u s-socjeta rikorrenti u li l-involviment tal-kjamat in kawża kien biss ghar-rigward tal-fatt li jara li dan il-wicc jitqieghed fir-residenza taghha. Qajla jista jifhem it-Tribunal kif l-intimata targumenta li n-negozju fuq dan il-wicc tal-kcina sar mill-kjamat in kawża, meta l-ftehim fuq dan in-negozju jġib id-data tas-7 ta' Settembru, 2009 (fol. 17) u fis-26 ta' Awwissu, 2009 hija tippreżenta ittra fir-Registru tal-Qorti

tal-Familja sabiex jinbdew proċeduri ta’ medjazzjoni ghal separazzjoni minn ma żewġha l-kjamat fil-kawza (fol. 177). Jidher li s-sitwazzjoni personali taghhom kienet diġà waslet sal-punt li hi tibda proċeduri legali kontra żewġha u allura huwa ferm inverosimili li waqt li hemm dawn il-proceduri pendenti, żewġha jmur u jinnegozja mas-socjeta rikorrenti ghaliha. Ghalhekk, hija l-intimata, kif diġà inghad, li ghandha taghmel tajjeb ghal dan il-bilanc u konsegwentement il-kjamat in kawża ghandu jiġi mehlus mill-harsien tal-gudizzju.

25. Ghar-rigward tat-talba tas-socjeta rikorrenti, had mill-partijiet ma ikkontesta l-ammont bilancjali imsemmi minnha ta’ elf mija tlieta u tletin euro u tmintax-il centezmu (€1,133.18c) u ghalhekk, fin-nuqqas ta’ kontestazzjoni t-Tribunal sejjer iqisu ppruvat.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jehles mill-harsien tal-gudizzju lill-kjamat in kawża, qieghed jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mill-intimata taht l-artikoli 2148 (a), 2148 (b) u 2149 tal-Kapitolu 16, qieghed jichad il-kumplament ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-intimata u jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti fl-ammont mitlub ta’ elf mija tlieta u tletin euro u tmintax-il centezmu [€1,133.18c] u konsegwentement jikkundanna lill-istess intimata Mary Grace maghrufa bhala Graziella Debono Roberts thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ elf mija tlieta u tletin euro u tmintax-il centezmu [€1,133.18c] bl-imghaxijiet fuq dan l-ammont skond il-ligi jibdew jiddekorru mit-22 ta’ Settembru, 2009.

L-ispejjez, ghandhom ikunu kollha ghal intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------